Siġġiewi
Città Ferdinand

# ĦIDMA TAL-KUNSILL MATUL L-2013

## Kontenut tar-Rapport


1. Il-laqgħat tal-Kunsill

2. Xogħol strutturali u tisbiħ tal-Lokalità

3. Tindif u kura ambjentali

4. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Soċjali

5. Ħwejjeġ oħrajn

## LAQGHAT TAL-KUNSILL

Wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu li għadda, u wara li l-Viċi-Sindku ġie elett bħala membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, il-post tiegħu fil-Kunsill ġie vakanti u kellha ssir elezzjoni każwali. L-eżitu tagħha kien li ġie elett bħala Kunsillier is-sur Emanuel Cutajar. Waqt seduta tal-Kunsill, il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo ġie ikkonfermat bħala Viċi-Sindku.

Mill-aħħar Laqgħa tal-Lokalità, iġifieri it-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2012, il-Kunsill iltaqa' 16-il darba, medja ta' laqgħa kull tliet ġimgħat.

| | |
|---|---|
| Dr Karol Aquilina – Sindku | 16 (100%) |
| Is-sur Ryan Callus – Viċi-Sindku | 4 – minn 4 (100%) |
| Dr Mark A. Vassallo – Kunsillier/Viċi-Sindku | 15 (94%) |
| Is-Sinj. Mariette Borg – Kunsilliera | 12 75%) |
| Is-sur Mario Cachia – Kunsillier | 8 (50%) |
| Is-sur Nikol Cassar – Kunsillier | 16 (100%) |
| Is-sur Emanuel Cutajar – Kunsillier | 8 - minn 10 (80%) |
| Is-sur Jesmond Tanti – Kunsillier | 16 (100%) |

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, saru diversi laqgħat minn organi oħra tal-Kunsill fosthom tal-Kumitat dwar il-Kunsill Ċiviku, is-sotto-kumitat dwar il-Festa Għeneb, Sports, Kultura u Arti, u l-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

## XOGHOL STRUTTURALI U TISBIH TAL-LOKALITÀ

Matul din is-sena l-akbar proġett strutturali li daħal għaliha l-Kunsill kien l-Outdoor Gym fi Triq Mons F.X. Mangion. Bil-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Malti għall-Isport u tal-Gvern Ċentrali permezz ta' għotja mill-Fondi Speċjali, dan il-proġett li ġie jiswa aktar minn €100,000 kien inawgurat fi Frar li għadda, mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, l-Onor. Dr Lawrence Gonzi.

Dan il-gym mhux biss għen biex issebbaħ aktar wieħed mill-aktar siti sbieħ tal-lokalità, imma qed jgħin biex titkattar il-kultura sportiva kif ukoll aktar għarfien tal-ħtieġa tal-eżerċizzju fiżiku.

Wara li fl-aħħar snin sar tista' tgħid ir-*resurfacing* kollu tat-toroq residenzjali kif ukoll tat-toroq arterjali, fl-aħħar sena tlesta x-xogħol tar-resurfacing ta' Triq Nikola Saura.

Matul din is-sena wkoll saru diversi xogħolijiet ta' *patching* bil-*hot asphalt* f'diversi toroq prinċipalment biex jissewwew partijiet minnhom wara tiswijiet li jkunu saru mill-*Water Services Corporation*.

Dan ix-xogħol mistenni li jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

***Patching* fil-kampanja**

Matul din is-sena kellna wkoll bħas-sena l-oħra niffaċċjaw diversi problemi marbutin mal-providement tal-ħaddiema tat-Taqsima tas-servizzi pubbliċi, issa dan ix-xogħol qed isir minn kuntratt privat, u reġa' qabad ir-ritmu. Matul din is-sena issewwew numru sostanzjali ta' toroq non-urbani. Wieħed jifhem li minħabba l-area kbira li l-Kunsill irid isegwi, din tiġi tiswa mal-€50,000.

**Barra minn dawn saru wkoll dawn ix-xogħlijiet:-**

- Bdil sostanzjali ta' mirja u tabelli fiz-zoni urbani u rurali;
- Aktar *Dust bins* kif ukoll bdil ta' siġar li kienu tkissru f'diversi toroq.
- Numru mdaqqas ta' sinjali ġodda tat-traffiku.

**Knisja tal-Providenza**

Kmieni matul din is-sena tlesta l-proġett ta' tisbiħ tal-viċinanzi tal-Knisja tal-Providenza. Dan il-proġett li sar bil-kollaborazzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u permezz ta' fondi mill-UE kien jikkonsisti fil-pavimentar tal-pjazzetta ta' quddiem il-Knisja u t-triq li tagħti għaliha, ristawr tal-ħitan tas-sejjieħ, tneħħija ta' wires imdendla, dwal u għamara tat-triq ġodda.

Wara li sar dan it-tisbiħ, li ġie jiswa kważi kwart ta' miljun Ewro, żdiedu t-talbiet biex is-sit jintuża għal okkażjonijiet bħalma huma tiġijiet, eċċ., Għalhekk tħejjiet Byelaw biex dan kollu jiġi regolarizzat.

**Il-Bajja ta' Għar Lapsi**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ilu għal dawn l-aħħar snin f'diskussjonijiet u ħidma mal-Gvern biex tinstab soluzzjoni immedjata għall-periklu għall-pubbliku li jżur il-bajja ta' Għar Lapsi. Dan il-periklu huwa riżultat ta' detorjarazzjoni fil-blat tal-bajja li wassal biex jaqa' ammont ta' blat fil-partijiet tal-bajja li hija aċċessibbli għall-pubbliku.

Għalhekk wara xhur ta' studji li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Publiċi għamel bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, l-istess Dipartiment wasal għall-konklużjoni dwar x'interventi jistgħu jsiru. Ix-xogħlijiet tlestew fil-ħin biex il-bajja ta' Għar Lapsi segħet terġa' tibda titgawda mill-pubbliku.

Barraminn dan, il-Kunsill ħa ħsieb li jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa bħal per eżempju, l-bdil tal-arbli tad-dawl f'Lapsi Park, bdil ta' tabelli u sinjali u bdil ta' bankijiet imkissrin.

Il-Kunsill ukoll qed ikompli jfittex biex isib fondi ħalli jkun jista' isebbaħ dan il-Park, kif ukoll jibni kompletament mill-ġdid il-latrina, liema pjanti diġà ġew ippreżentanti lill-MEPA.

Il-Kunsill ħa ħsieb iħejji Byelaw biex permezz tagħha jirregolarizza fejn jistgħu jsiru BBQs f'Lapsi Park.

**Restawr tal-Istatwa ta' San Pawl**

Wara li s-sena l-oħra l-Kunsill rebaħ għotja ta' €3,500 mill-Gvern Ċentrali biex jirristawra xi post storiku żgħir, ġie deċiż li jirristawra l-Istatwa ta' San Pawl. L-ispiża ta' dan ix-xogħol mistennija li titla' għal madwar €7,000.

## TINDIF U KURA AMBJENTALI

- Ġbir regolari tal-iskart domestiku u skart goff: Matul din is-sena bqajna ninnutaw żjieda sostanzjali tal-ammont tal-iskart separat għar-riċiklar, u b'hekk qed ngħinu biex jonqos l-iskart imħallat. Rigward il-*Bring-in Sites* il-Kunsill għandu kuntratt mal-kumpanija GreenMT biex dawn jitnaddfu regolarment. Minkejja li jidher li l-abbuż mill-*Bring-in Sites* kompla jonqos, xorta waħda għadna iffaċċjaw problema minn użu ħażin minnhom.

  **Il-Kunsill joffri ragolarment dawn is-servizzi:**

- Tinder u knis tat-toroq;
- Tindif u qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali;
- Manutenzjoni regolari u żamma tal-ġonna;
- Manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.
- Tindif *extra* ta' Għar Lapsi fix-xhur tas-sajf;

Sfortunatament, wara li s-sena l-oħra tnediet flimkien mal-GreenMT l-iskema tal-ġbir tal-ħġieġ mid-djar residenzjali, dan is-servizz kellu jitwaqqaf mill-istess kumpanija. Dan għaliex ma kienx finanzjarjament vjabbli.

## ATTIVITAJIET KULTURALI, EDUKATTIVI U SOĊJALI

- Ittellgħet it-tieni edizzjoni ta' Festa Għeneb fl-aħħar t'Awwissu. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna. Kien hemm żjieda sostanzjali fl-esibituri, fil-kompetizzjoni tal-inbid, kif ukoll fid-divertiment. Matulha wkoll inbniet l-akbar ???? tal-għasir tal-inbid.

- Mixgħela tas-Salib tal-Għolja, li bħas-snin l-imgħoddija għaliha attendew eluf ta' persuni. Din setgħet issir bil-kollaborazzjoni tal-Każin Banda San Nikola, u membri ta' diversi għaqdiet fosthom il-Grupp tal-Armar li ħa ħsieb iżejjen il-Pjazza tar-Raħal bil-fjakkli tradizzjonali;

- Kors ta' arts & Crafts għat-tfal matul is-sajf;

- Diversi korsijiet għall-adulti fil-programm *Life long Learning* Ingliż, Malti, Taljan; bizzilla, taħriġ fiżiku, u ħiliet għall-ġenituri. Il-Kunsill Lokali ġie meqjus mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala wieħed mill-aktar kunsilli lokali li joffri servizz u jiffaċilita biex isiru dawn il-korsijiet.

- Tagħlim tal-computer għat-tfal matul is-sajf, u għall-adulti matul il-kumplament tas-sena.

- Kors ta' l-Ewwel Għajnuna bil-kollaborazzjoni tas-St John's Ambulance Brigade. Fil-jiem li ġejjin, dan il-kors se jsir ukoll għat-tfal taħt l-għaxar snin.

- F'Ġunju saret maratona tar-roti fi Triq Dun Manwel Zammit u t-toroq tal-madwar.

- Ġew ukoll organizzati attivitajiet tal-karrozzi fil-pjazza bi skop filantropiku.

- Ġiet organizzata żjara għall-bdiewa f'Vittoria, Sqallija, u li għaliha attendew kważi mitt bidwi.

- Saru diversi laqgħat ta' tagħlim għall-bdiewa.

- **PROĠETT SCREENS**

  Il-sena l-oħra l-Kunsill kien rebaħ proġett tal-UE flimkien mal-Belt ta' Vittoria (Sqallija) u l-belt ta' Mateszalka (Ungerija) bl-isem ta' SCREENS.

  Dan il-proġett għandu l-għan li jxerred aktar informazzjoni dwar il-Millenium Development Goals tan-Nazzjonijiet Uniti bil-għan li fil-pajjiżi tat-tielet dinja fost ħwejjeġ oħra jonqos il-faqar, titjieb l-edukazzjoni u s-saħħa. Il-Kunsill Lokali nieda diversi *workshop* kemm għat-tfal tal-iskola primarja, kif ukoll għall-għaqdiet tal-lokalità u għall-pubbliku in ġenerali. Saru u se se jsiru diversi attivitajiet bl-iskop li ċ-ċittadini Siġġiwin isiru aktar konxji tar-realtajiet tal-pajjiżi tat-tielet dinja. Dan il-proġett se jkun jiswa madwar €60,000 liema fondi ġejjin kollha mill-UE.

## ĦWEJJEĠ OĦRA

**Proġett Salib tal-Għolja**

Bi pjaċir inħabbru li wara li s-sena l-oħra l-Kunsill Lokali Siġġiewi irnexxielu jirbaħ fondi tal-UE biex jitwettaq proġett kbir infrastruttali qrib is-sit tas-Salib tal-Għolja, issa hu mistenni li x-xogħolijiet jibdew fl-ewwel xhur ta-sena d-dieħla. Dan il-proġett li jammonta aktar minn terz ta' milju Ewro, għandu l-għand li jippromwovi l-lokalità tagħna bħala destinazzjoni agro-rural turistika. Il-proġett se jsebbaħ sostanzjalment is-sit ħdejn is-Salib tal-Għolja u joħloq park ta' rikreazzjoni. Dan jinvolvi l-bini mill-ġdid tat-toroq viċini li jwasslu lejn is-Salib tal-Għolja, it-tiswija tal-plateau kif ukoll il-fornitura ta' għamara addattata u li tirrispetta l-ambjent.

**Tiżjin**

Il-Kunsill għal darb'oħra ħa ħsieb li matul il-Festa ta' San Nikola jarma bid-dawl Triq Mons M Azzopardi. L-istess fi żmien il-Milied il-Kunsill jarma bid-dawl il-Pjazza u Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola.

**Tilqima kontra l-Influwenza.**

Il-Kunsill reġa' kien strumentali biex aktar minn 450 persuna tirċievi t-tilqima tal-influwenza.

**Arriva**

Sa mis-sena l-oħra, Il-Kunsill segwa dak li kien qed jiġri fir-riforma tat-trasport pubbliku u baqa' jwassal l-ilmenti tal-pubbliku li jaslu lill-Kunsill kemm lil Transport Malta kif ukoll lill-Arriva.

Il-Kunsill iltaqa' ma' uffiċjali għoljin tal-Arriva u ta' Transport Malta biex jiddiskuti magħhom l-ilmenti li jaslu l-Kunsill u ressaq diversi proposti ta' kif is-servizz pubbliku jista' jitjieb. Din il-materja kienet diskussa wkoll mal-Ministru tat-Trasport, l-Onor. Joe Mizzi.

**Pixxina fl-Iskola Primarja**

Il-Kunsill Lokali kien strumentali biex bil-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Isport tiġi stallata pixxina b'ilma sħun fil-bitħa tal-iskola primarja. Din qed titgawda mhux biss mit-tfal tal-iskola, imma wkoll

minn għaqdiet sportivi. Hemm il-ħsieb ukoll li jsiru arranġamenti biex din tkun miftuħa għall-pubbliku.

**FINANZI**

Matul din is-sena l-Kunsill mistenni li jdaħħal madwar €850,000, bejn l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali u dħul żgħir ieħor. Minkejja l-ispiża kbira li daħal għaliha fl-aħħar snin rigward ir-rinovament taċ-Ċentru Ċiviku, xorta waħda mhux mistenni li joħroġ b'deficit.



N I k o l B a l d a c c h I n o
SEGRETARJU EŻEKUTTIV